IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

# KARTA GĦALL-ISTATUS TAL-ARTIST

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

# KARTA GĦALL-ISTATUS TAL-ARTIST

Il-Kunsill Malti għall-Arti jixtieq jirringrazzja lill-esperti u lill-parteċipanti tal-focus groups ta' konsultazzjoni li kkontribwew fit-tfassil ta' dan id-dokument. Dan huwa r-riżultat ta' ħidma minn għadd ta' partijiet interessati minn sfondi differenti li ngħaqdu flimkien biex isibu approċċi komuni lejn l-avvanz tas-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta.

Miġbura mit-tim tal-Finanzjament u l-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti.

Verżjoni Maltija: Kevin Saliba

Disinn: Moose Design Studio | moose.com.mt

Ippubblikat fl-2024.

# Kontenut

05 Preambolu

07 Prinċipji ġenerali

09 Artikolu 1. Il-libertà tal-espressjoni

11 Artikolu 2. Id-dritt ta' assoċjazzjoni u rappreżentazzjoni

13 Artikolu 3. Is-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni

15 Artikolu 4. Il-prattiki ġusti

17 Artikolu 5. L-aċċess għall-finanzjamenti

19 Artikolu 6. Il-proprjetà intellettwali

21 Artikolu 7. Ir-rikonoxximent tal-ħiliet

23 Artikolu 8. Il-professjonalizzazzjoni u l-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali

24 Artikolu 9. L-istatus u l-kwalità tal-forza tax-xogħol

25 L-ispirtu ġenerali tal-Karta

# Karta għall-Istatus tal-Artisti[1]

## Preambolu

Il-Kunsill Malti għall-Arti, li jirrikonoxxi u jagħraf li:

- Il-kultura hija riflessjoni tal-umanità;
- Il-kultura hija integrali għall-evoluzzjoni u għall-progress tas-soċjetà u d-demokrazija, u tqawwi l-parteċipazzjoni kulturali;
- Il-kultura fid-diversi espressjonijiet tagħha hija wkoll kontributriċi sinifikanti għall-ekonomija u għall-iżvilupp sostenibbli;
- Il-kultura għandha rwol sinifikanti fil-promozzjoni tal-ugwaljanza, tal-ġustizzja, u tal-ġlieda kontra kull vjolenza u diskriminazzjoni;
- Il-kultura fiha nfisha hija dritt—stqarrija li tfakkar fil-missjoni tal-Kunsill stess illi jipproteġi u jippromwovi d-drittijiet kulturali għal kulħadd;
- L-Arti hija, u għandha dejjem tkun, parti integrali mill-ħajja ta' kulħadd;
- L-artisti jistħoqqilhom rikonoxximent għall-ħidma u għall-espressjonijiet artistiċi tagħhom illi

1 It-terminu 'artisti' hawnhekk qiegħed jintuża bħala terminu umbrella u jinkludi lil dawk kollha li jikkontribwixxu, bil-kwalifiki, bix-xogħol, u bil-prattika tagħhom għal xogħol artistiku u prodotti kulturali .
Ir-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO tal-1980 dwar l-Istatus tal-Artist tadotta din id-definizzjoni ta' 'Artist': "Artist" tfisser kull persuna li toħloq, tagħti espressjoni kreattiva lil xogħlijiet artistiċi jew toħloqhom mill-ġdid, tqis il-kreazzjoni artistika tagħha bħala parti essenzjali minn ħajjitha, tagħti kontribut b'dan il-mod fl-iżvilupp tal-arti u tal-kultura u titlob li tkun irrikonoxxuta bħala artist jew artista, sew jekk tkun marbuta b'relazzjoni ta' impjieg jew b'assoċjazzjoni sew jekk le.

għandhom ukoll jiġi rrikonoxxuti bħala xogħlijiet kulturali ta' valur;

- Dan ir-rikonoxximent għandu jissarraf f'benefiċċji soċjali u ekonomiċi u jimplika l-ħolqien tas-salvagwardji kollha meħtieġa għad-dinjità u għall-integrità tal-istatus tal-artisti;
- Il-libertà tal-espressjoni artistika hija dritt fundamentali tal-bniedem;
- Il-kriżijiet moderni, il-bidla mgħaġġla fil-klima, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, u l-kunflitti kontinwi kapaċi jkollhom impatt fuq il-ħaddiema kulturali u jistgħu jwasslu għal azzjoni mmirata urġenti;
- Il-bidliet ekonomiċi, soċjali, teknoloġiċi, u kulturali wkoll iħallu impatt fuq l-istatus tal-artisti u għaldaqstant huwa kruċjali għall-Gvern li jevalwa b'mod regolari l-istatus tagħhom f'dan il-kuntest;
- L-azzjoni fuq it-tisħiħ tal-istatus tal-artisti għandha tkun integrata fil-wisa', intersezzjonali, u msejsa fuq l-oqsma politiċi relevanti kollha;

Konxji mill-fatt li:

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa l-entità nazzjonali primarja bid-dmir illi tippromwovi s-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta;
- Il-Politika Kulturali Nazzjonali 2021 (PKN, 2021) titlob, fost ħwejjeġ oħra, l-elevazzjoni tal-istatus tal-artisti u tal-professjonisti fis-setturi kulturali, patrimonjali, u kreattivi;
- L-Istrateġija 2025 tal-Kunsill Malti għall-Arti titlob it-twaqqif ta' Karta dwar l-Istatus tal-Artisti f'konformità mal-Politika Kulturali Nazzjonali 2021 illi tirriżulta f'qafas li jipproteġi, itejjeb, u jirrikonoxxi d-dritt tal-artisti li jesprimu, jipprattikaw, jorganizzaw u jsostnu l-istatus tagħhom.



# Prinċipji ġenerali

1. Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà artistika.
2. Din il-Karta ssejjaħ għall-promozzjoni u għall-ħarsien tad-dritt għall-espressjoni mingħajr restrizzjonijiet.
3. L-artisti kollha għandhom igawdu mill-istess trattament u aċċess għal strutturi u riżorsi.
4. L-artisti għandhom jingħataw garanziji fir-rigward tad-drittijiet ta' assoċjazzjoni u ta' rappreżentanza minn unions, organizzazzjonijiet, u gruppi ta' attivisti.
5. L-interessi tal-artisti għandhom jitħarsu minn leġiżlazzjoni relevanti dwar l-impjiegi u l-promozzjoni ta' prattiki tajba fuq il-post tax-xogħol.
6. L-Istat għandu jissimplifika u jiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki artistiċi.
7. Kulħadd għandu dritt igawdi u jipparteċipa f'esperjenzi kulturali.
8. Din il-Karta tippromwovi l-investiment fl-iżvilupp professjonali tal-ħaddiema kulturali irrispettivament mill-età, mis-sottosettur jew mil-livell tal-esperjenza u tal-kompetenzi tagħhom.
9. L-Istat għandu jmexxi sforzi ta' investiment fil-kompetenzi li jiddistingwu l-artisti mill-bqija tal-forza tax-xogħol.

# Artikolu 1. Il-libertà tal-espressjoni

Il-libertà tal-espressjoni hija vitali fit-tiswir u fit-tisħiħ tad-demokrazija għax din trawwem perspettivi u narrattivi kulturali multipli li jikkontribwixxu għall-benessri ġenerali tas-soċjetà.

Il-protezzjoni tagħha kontra s-soppressjoni jew iċ-ċensura fi kwalunkwe forma hija fundamentali. Il-libertà artistika hija wkoll aspett ewlieni għat-tgawdija tad-drittijiet kulturali bħala drittijiet tal-bniedem.

**1.1** Il-kunċett tal-libertà artistika għandu jkun stabbilit bħala dritt distint u awtonomu fi ħdan il-qafas nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

**1.2** Ebda artist m'għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tal-espressjoni artistika tiegħu—prinċipju li b'mod partikolari jeħtieġ il-ħarsien tal-artisti kollha kontra ċ-ċensura jew l-intimidazzjoni governattiva u kontra interferenzi jew pressjonijiet minn forzi politiċi jew mhux statali.

**1.3** L-Istat għandu jissalvagwardja d-dritt tal-artisti li joħolqu u jqassmu l-espressjonijiet artistiċi tagħhom, inkluż id-dritt illi l-espressjonijiet tagħhom jiġu appoġġati u remunerati.

**1.4** L-individwi kollha għandu jkollhom dritt jaċċessaw il-kultura u l-espressjonijiet artistiċi mingħajr biża' ta' intimidazzjoni governattiva jew politika jew mhux statali u mingħajr biżgħat jew fastidji oħra.

**1.5** L-Istat għandu jiżgura li d-dritt għall-espressjoni artistika u għall-aċċess għall-kultura jiġi implimentat b'mod tanġibbli ħalli jiżgura li l-individwi kollha, irrispettivament mill-isfond tagħhom, ikunu jistgħu jgawdu dan id-dritt.

**1.6** L-Istat għandu jiżgura li d-dritt għal-libertà tal-espressjoni artistika jkun iggarantit lill-artisti kollha, irrispettivament mill-età; it-twemmin, il-kredu jew ir-reliġjon; il-

kulur, l-oriġini etnika jew nazzjonali, jew ir-razza; id-diżabbiltà; ir-responsabbiltajiet tal-familja jew it-tqala; il-familja jew l-istat ċivili; l-espressjoni tal-ġeneru jew l-identità tal-ġeneru; il-karatteristiċi ġenetiċi; l-istat tas-saħħa; il-lingwa; in-nazzjonalità; l-opinjoni politika; il-proprjetà; is-sess jew il-karatteristiċi sesswali; l-orjentazzjoni sesswali; jew l-oriġini soċjali.

**1.7** Il-prattiki kollha tal-politika governattiva, inklużi l-appoġġ mill-istat u l-proċessi tal-finanzjamenti, għandhom ikunu ħielsa minn influwenzi żejda fuq l-espressjoni kulturali u jkunu aċċessibbli għall-artisti kollha b'mod ugwali.



# Artikolu 2. Id-dritt ta' assoċjazzjoni u rappreżentazzjoni

Fis-Setturi Kulturali u Kreattivi (SKKs) it-tipi ta' impjieg ivarjaw ħafna, b'għadd kbir ta' artisti u professjonisti li jaħdmu għal rashom mifruxa f'attivitajiet ekonomiċi differenti ħafna fil-gżejjer Maltin.

Dan jagħmel l-assoċjazzjoni jew is-sħubija fil-unions diffiċli, l-iżjed minħabba l-frammentazzjoni tal-forza tax-xogħol u l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema awtonomi li mhumiex irrappreżentati minn rappreżentanti tal-impjegati—sitwazzjoni li tħallihom vulnerabbli għal prattiki u kundizzjonijiet tax-xogħol inġusti u għal forom prekarji ta' impjieg. In-negozjar kollettiv huwa għodda utli għall-artisti li jistgħu jħossuhom iżolati u kważi sfurzati jaċċettaw kundizzjonijiet mhux etiċi jew inġusti, bħal kuntratti tat-tip buy-out jew remunerazzjoni baxxa ħafna.

**2.1** L-artisti, irrispettivament min-natura tal-impjieg tagħhom, għandu jkollhom dritt jassoċjaw ruħhom b'mod liberu. Dan jinkludi d-dritt li jiffurmaw jew jissieħbu f'unions, gruppi jew assoċjazzjonijiet kummerċjali jew rappreżentattivi impenjati favur il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-interessi tagħhom.

**2.2** Il-prinċipji tax-xogħol internazzjonali kollha għandhom jiġu trasposti fl-SKKs filwaqt illi jiġi rikonoxxut ir-rwol tan-negozjar kollettiv u tas-sħab soċjali.

**2.3** L-artisti, irrispettivament mill-istatus tax-xogħol tagħhom, għandhom jingħataw is-setgħa li jaċċessaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tax-xogħol.

**2.4** L-entitajiet li joffru xogħol lil artisti msieħba f'unions, irrispettivament min-natura tal-istatus tal-impjieg, għandhom jirrispettaw il-ftehimiet



kollettivi nnegozjati mit-trade unions jew mill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-artisti.

**2.5** It-trade unions irreġistrati għandhom jiġu mistiedna mill-Istat biex jieħdu sehem f'negozjati dwar abbozzi ta' leġiżlazzjoni jew politiki li b'xi mod jew ieħor jolqtu lill-artisti u għandhom ukoll ikunu intitolati jressqu lill-awtoritajiet statali relevanti kwalunkwe proposta li jixtiequ jmexxu 'l quddiem.

**2.6** L-Istat għandu jippromwovi prattiki ġusti permezz ta' inizjattivi politiċi billi, pereżempju, jagħmel il-prattiki ġusti kundizzjoni obbligatorja għall-aċċess għall-finanzjamenti.



# Artikolu 3. Is-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni

In-natura atipika tax-xogħol artistiku toħloq, b'mod inevitabbli, forom ta' xogħol atipiċi jew mhux standard. Filwaqt li din il-fluwidità tista' tippermetti iżjed flessibbiltà din kapaċi wkoll tħalli impatt fuq il-protezzjoni soċjali.

Jista' jkun hemm sfidi għal gruppi speċifiċi fi ħdan l-SKKs, b'mod speċjali meta l-karrieri ma jkunux jistgħu jibqgħu jiġu pprattikati fix-xjuħija. Dan iħalli lil xi individwi jaffaċċaw inċertezza ekonomika sinifikanti u huma jgħaddu għal professjonijiet ġodda, b'mod partikolari qabel jilħqu l-età tipikament assoċjata mal-istabbiltà fil-karriera jew mal-irtirar mix-xogħol. In-natura unika ta' dawn il-karrieri tenfasizza l-vulnerabbiltà ta' ħaddiema bħal dawn fl-ippjanar għal sigurtà finanzjarja fit-tul.

**3.1** L-aċċess għall-protezzjoni soċjali huwa essenzjali għall-kwalità tal-ħajja u għas-sostenibbiltà tas-settur. Din il-Karta tagħti status lill-artisti bħala mezz biex jiġu livellati l-inugwaljanzi bejn l-operaturi fi ħdan l-SKKs u setturi oħra.

**3.2** Din il-Karta tfittex li ttejjeb l-aċċess u tiżgura, fost ħwejjeġ oħra, titjib fis-sensibilizzazzjoni dwar ir-reġimi u l-benefiċċji eżistenti ta' protezzjoni soċjali u ta' tassazzjoni.

**3.3** Il-mudelli tas-sigurtà soċjali u tat-tassazzjoni għandhom jirrikonoxxu u jirriflettu n-natura dinamika, diversa u multidimensjonali tax-xogħol artistiku. Dan biex inkomplu niggarantixxu aċċess sħiħ għall-protezzjoni soċjali lill-ħaddiema kulturali.

**3.4** L-Istat għandu jkompli jsaħħaħ il-miżuri tiegħu mmirati biex jittrattaw aċċess imtejjeb għall-pensjonijiet kontributorji.

**3.5** Miżuri ġodda, bħal dħul bażiku universali għall-ħaddiema kulturali, għandhom jiġu kkunsidrati biex tittejjeb is-sostenibbiltà tal-SKKs, jiġi ggarantit l-għajxien u jitnaqqas kemm jista' jkun it-telf ta' talenti u ħiliet.

# Artikolu 4. Il-prattiki ġusti

Minħabba l-fluwidità tal-impjiegi fi ħdan l-SKKs l-artisti jirrappreżentaw segment tal-forza tax-xogħol partikolarment vulnerabbli u għaldaqstant bosta drabi jisfaw vittmi ta' prattiki inġusti.

Ix-xogħol artistiku u kulturali spiss jinvolvi proċessi inviżibbli għall-udjenzi, għall-patruni u għad-deċiżuri—ċirkostanzi li sikwit jaħtu għal apprezzamenti u remunerazzjonijiet baxxi. L-artisti huma wkoll partikolarment vulnerabbli għall-isfruttament kaġun tal-fatt illi l-biċċa l-kbira minnhom jaħdmu għal rashom jew part-time jew inkella jgħaqqdu flimkien diversi forom ta' impjieg illi mhux bilfors kollha jkunu fl-SKKs. Dan jirriżulta f'leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol illi tkun inapplikabbli jew inadegwata għall-kuntest uniku tagħhom. Il-professjonisti tal-SKKs huma wkoll esposti għal riskji uniċi għas-sigurtà u għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Din il-Karta tfittex li tiżgura li s-salvagwardji statutorji tas-saħħa u tas-sigurtà jipproteġu wkoll lill-professjonisti tal-SKKs, irrispettivament mill-istatus tal-impjieg tagħhom (anke lill-ħaddiema indipendenti/freelance). L-Istat għandu jistinka wkoll biex jiżgura li l-fornituri privati tal-assigurazzjoni joffru wkoll koperturi ekonomikament fattibbli għall-artisti.

**4.1** L-artisti koperti minn din il-Karta għandhom dritt jaħdmu u jesprimu lilhom infushom b'mod kreattiv f'ambjent ġust, sigur u ħieles minn kull diskriminazzjoni, fastidju jew bullying.

**4.2** Il-leġiżlazzjoni relevanti kollha dwar l-impjiegi applikabbli għall-ħaddiema fi sferi oħra għandha tapplika u tħares ukoll id-drittijiet tal-artisti kollha, irrispettivament mill-impjegaturi jew mis-sottosetturi tagħhom.

**4.3** L-artisti għandu jkollhom aċċess ugwali għall-opportunitajiet b'mod ġust u ħieles mid-diskriminazzjoni.



**4.4** L-Istat għandu jippromwovi l-aħjar prattiki fil-programmi, fl-inizjattivi u fil-politiki kollha tiegħu. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' prattiki bħal dawn għandha tiġi kkumplimentata b'miżuri favur l-akkontabbiltà fil-livelli kollha.

**4.5** L-entitajiet, l-impjegaturi, u l-organizzazzjonijiet kollha għandhom jiżguraw l-adozzjoni u l-promozzjoni ta' prattiki ġusti.



# Artikolu 5. L-aċċess għall-finanzjamenti

L-artisti bosta drabi jirrimarkaw illi l-aċċess tagħhom għal self jew skemi privati huwa limitat. Għalhekk il-biċċa l-kbira minnhom jibqgħu dipendenti minn impjieg barra mill-SKKs jew mill-Istat jew mill-fondi tal-Unjoni Ewropea. Għajnuna finanzjarja bħal din tista' tikkonsisti f'għotjiet diretti kif ukoll f'rati ta' VAT jew ta' tassazzjoni baxxi, f'inċentivi fiskali jew inkella f'mudelli ta' sigurtà soċjali sussidjati jew emendati.

Diversi kriżijiet suċċessivi kkaġunaw tnaqqis sinifikanti f'ħafna baġits nazzjonali għall-kultura u kemm il-finanzjamenti nazzjonali kif ukoll dawk tal-UE fin-natura tagħhom baqgħu temporanji u bbażati fuq proġetti—sitwazzjoni li toħloq instabbiltà u inċertezza. Din il-Karta tipproponi impenn favur titjib fl-istabbiltà u mudelli ta' tassazzjoni preferenzjali.

**5.1** L-Istat għandu jiżgura li l-opportunitajiet u l-proċessi tal-finanzjamenti jkunu aċċessibbli, affidabbli, trasparenti, u ħielsa minn interferenzi bla bżonn.

**5.2** Din il-Karta tippromwovi reġim ibbilanċjat ta' finanzjament tul meded ta' żmien qosra u twal bil-għan illi tittejjeb is-sostenibbiltà tal-arti u tal-intrapriża kreattiva.

# Artikolu 6. Il-proprjetà intellettwali

Il-Proprjetà Intellettwali (PI) għandha tkun ħielsa wkoll minn kundizzjonijiet professjonali ta' sfruttament u din il-Karta trid tiżgura li l-artisti jirċievu kumpens ġust għall-PI tagħhom.

Iż-żieda ta' pjattaformi ġodda, bħall-pjattaformi tal-istreaming, qegħdin joħolqu xenarji fejn l-artisti ma jiġux irremunerati jew jiġu rremunerati ħażin għall-PI tagħhom. Barra minn hekk, l-artisti ħafna drabi ma jkollhomx għarfien dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-PI. Dan jaffettwa, b'modi serji, il-kapaċità tagħhom li jinnegozjaw kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni ġusti relatati mal-PI kif ukoll termini kuntrattwali korretti fir-rigward tas-sjieda tal-PI tagħhom.

**6.1** L-Istat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jipproteġi b'modi tanġibbli d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali artistika.

**6.2** L-Istat għandu jiżgura li l-entitajiet tiegħu jippromwovu u jimplimentaw l-aħjar prattiki biex jissalvagwardja d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali artistika.

**6.3** L-Istat għandu jippromwovi s-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni dwar l-importanza tal-proprjetà intellettwali għall-artisti.

**6.4** L-artisti kollha għandhom jingħataw il-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi morali u materjali tagħhom relatati max-xogħol tagħhom.





# Artikolu 7. Ir-rikonoxximent tal-ħiliet

Il-ħiliet tal-artisti bosta drabi jisfaw sottovalutati u mhux rikonoxxuti. L-evoluzzjoni kontinwa fin-natura tal-SKKs tfisser illi r-rikonoxximent ta' ħiliet ġodda minn oqfsa formali, bħal pereżempju l-QEK, mhux dejjem ikun rapidu u suffiċjenti.

Din is-sitwazzjoni tikkawża eżodu konsiderevoli mill-SKKs għax ħafna artisti jitilqu mis-settur fi żmien ftit snin biex ifittxu stabbiltà xi mkien ieħor. L-artisti bosta drabi ma jkunux familjari ħafna ma' ħiliet illi jappartjenu lix-xogħlijiet amministrattivi, il-marketing, l-akkontabbiltà jew lill-isferi diġitali u għaldaqstant meta meħtieġ ikollhom jesternalizzaw dawn is-servizzi. Minkejja li l-artisti spiss ifittxu jespandu l-ħiliet tagħhom ftit illi xejn hemm għarfien dwar liem opportunitajiet ikunu disponibbli. L-aċċess għall-korsijiet jirrappreżenta wkoll sfida minħabba tariffi għoljin u inċertezza dwar jekk investiment bħal dan hux ser ikun tassew produttiv.

**7.1** L-Istat għandu jadotta approċċ sistemiku għall-bini tal-ħiliet fl-SKKs filwaqt illi jiżgura wkoll id-disponibbiltà, it-traċċabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-għarfien tekniku relevanti.

**7.2** L-Istat għandu jappoġġa lill-istituzzjonijiet akkademiċi fl-investiment tagħhom fl-SKKs u f'suġġetti relevanti jew anċillari.

**7.3** L-Istat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jappoġġa edukazzjoni mfassla biex tistimula u tiżviluppa dixxiplini li jikkontribwixxu b'modi diretti jew indiretti għat-tkabbir professjonali tal-artisti u għall-arrikkiment tal-SKKs.

**7.4** L-Istat għandu jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jappoġġa lill-artisti waqt it-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid tagħhom.

**7.5** L-Istat għandu jagħmel ħiltu biex jissimplifika u jiffaċilita r-rikonoxximent ta' ħiliet u kwalifiki formali, mhux formali, informali u artistiċi.

# Artikolu 8. Il-professjonalizzazzjoni u l-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali

L-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali u l-aċċess għal riżorsi relevanti huma kritiċi għal titjib tekniku sostnut fi ħdan l-SKKs u għat-tisħiħ fil-ħsieb kreattiv, fl-innovazzjoni u fis-soluzzjoni innovattiva tal-problemi.

**8.1** L-Istat għandu jiggarantixxi d-dritt għal formazzjoni bażika fl-arti għal kulħadd. Dan jinkludi ħiliet tanġibbli fl-arti u fis-snajja' kif ukoll il-ħsieb kreattiv u ħiliet fis-soluzzjoni tal-problemi.

**8.2** It-tneħħija ta' kwalunkwe ostaklu strutturali u amministrattiv li jista' jirrestrinġi l-opportunitajiet tal-iżvilupp professjonali fis-settur għandha tiġi ttrattata bħala kwistjoni prijoritarja.

**8.3** Il-prattikanti kreattivi ta' kull livell ta' esperjenza għandhom, irrispettivament mis-sottosettur illi jirrappreżentaw, jingħataw garanziji dwar id-dritt tagħhom għal standard bażiku universali ta' edukazzjoni fl-arti.

**8.4** L-Istat għandu jiggarantixxi standards tajbin ta' edukazzjoni fl-arti u jiżgura li fis-settur ikunu involuti biss edukaturi kwalifikati u kompetenti.

# Artikolu 9. L-istatus u l-kwalità tal-forza tax-xogħol

Status elevat tal-artisti kapaċi jistimula b'mod sinifikanti l-kwalità u l-eċċellenza fil-proċessi, fir-riżultati u fl-eżiti li joħorġu mill-SKKs. Ħiliet u infrastrutturi adegwati appoġġati u kkumplimentati minn mudelli xierqa ta' sigurtà soċjali u tassazzjoni huma vitali biex jattiraw iżjed individwi b'talent biex isegwu karrieri f'dawn is-setturi.

**9.1** L-Istat għandu jirrikonoxxi li meta firxa usa' ta' individwi jidħlu fi professjonijiet kreattivi s-soċjetà u l-industrija jsiru aktar innovattivi u diversi b'mod esponenzjali.

**9.2** L-Istat għandu jirrikonoxxi li spazji tax-xogħol adegwati huma imperattivi għas-sostenibbiltà u għat-tkabbir tal-SKKs.

**9.3** Din il-Karta tippromwovi miżuri li jiffaċilitaw l-investiment dirett kemm fil-forza tax-xogħol kif ukoll fl-infrastrutturi essenzjali għal SKKs kompetittivi u sostenibbli.

**9.4** L-Istat għandu jippromwovi investiment dirett fl-iżvilupp ta' kompetenzi u kapaċitajiet fi ħdan is-settur illi jippermettu lill-artisti jsiru professjonisti ta' ħila kbira li kapaċi joħolqu soluzzjonijiet li professjonisti oħra ma jkollhomx il-ħiliet meħtieġa biex ifassluhom.



# L-ispirtu ġenerali tal-Karta

Din il-Karta tfasslet biex isservi ta' qafas ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika jew inizjattiva li kapaċi jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u l-SKKs u biex tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija li televa l-istatus tal-artisti fil-gżejjer Maltin b'modi konformi mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

Dan id-dokument jiddeskrivi prinċipji ġenerali u artikoli speċifiċi. Kull artikolu għandu jitqies u jiġi evalwat bħala komponent ta' tema trasversali usa'.

## Definizzjonijiet

Artist huwa kwalunkwe individwu li, bħala kreatur, eżekutur jew kontributur, joħloq xogħol artistiku—xogħol illi jinħoloq bil-ħiliet uniċi tiegħu jew bil-kontribut tiegħu għall-ħolqien ta' tali xogħol artistiku. Din il-Karta tittratta wkoll ħaddiema kulturali anċillari li bil-kontribut tagħhom jagħmlu x-xogħol tal-artisti possibbli u li huma parti integrali mill-SKKs. Konsegwentement, din il-Karta tittratta l-ħaddiema kulturali kollha li għandhom kwalifiki akkademiċi relevanti jew jipproduċu jew jikkontribwixxu għal xogħol artistiku li jiġġenera, b'mod sħiħ jew parzjali, id-dħul taxxabbli tagħhom jew huma rreġistrati bħala ħaddiema kulturali mal-awtorità jew mal-korp kompetenti relevanti.

## Sfond

L-artisti huma kontributuri ewlenin għall-benessri u għall-ekonomija tal-gżejjer Maltin. L-istatus professjonali tagħhom huwa indikattiv tas-saħħa soċjoekonomika ta' nazzjon.

Is-soċjetajiet kif ukoll l-individwi jiffjorixxu meta l-artisti jingħataw garanziji soċjali, ekonomiċi u legali f'soċjetà li toħloq ambjent professjonali stabbli. Minkejja dan l-artisti bosta drabi jaffaċċaw nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg, prekarjetà u

instabbiltà finanzjarja. Dan kollu spiss jiġi attribwit lin-nuqqas ta' strutturi adegwati li jippermettu l-intrapriża kreattiva, il-professjonalizzazzjoni fis-settur u l-monetizzazzjoni fil-prattika artistika b'mod dinjituż. Dan jista' jitqies li jirrifletti politika pubblika li għadha trid tikkunsidra t-trasversalità tal-SKKs bejn is-setturi b'mod konsistenti. Barra minn hekk, l-edukazzjoni fl-arti għad trid issib postha fil-kurrikuli tal-istituzzjonijiet edukattivi Maltin u Għawdxin.

Il-Politika Kulturali Nazzjonali għandha, fost objettivi oħra, l-għan illi tgħolli l-istatus tal-artisti u tal-professjonisti fis-setturi kulturali u kreattivi. Dan itenni s-sensibilizzazzjoni dejjem tikber dwar l-importanza tal-artisti u tal-SKKs lil hinn mix-xtut lokali, b'inizjattivi internazzjonali u Ewropej jenfasizzaw il-valur tagħhom u l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti li tittratta l-isfidi affaċċati.

Din il-Karta tfittex tiddeskrivi b'mod koeżiv l-istatus soċjali, ekonomiku u legali tal-artisti Maltin u l-istandards, l-oqfsa u l-azzjonijiet leġiżlattivi u politiċi idonei meħtieġa għall-ħarsien u għat-tisħiħ ta' status bħal dan fil-gżejjer Maltin.

IL-KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

## KUNTATT

**Il-Kunsill Malti għall-Arti**
TG Complex Suite 1, Level 1,
Triq Il-Birrerija, Zone 3,
Central Business District,
Birkirkara CBD 3040

**Tel** +356 2334 7201/02
**Imejl** artsassistance@artscouncil.mt